MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2009

Talba Numru. 163/2008

**Panta Marketing and Services Limited (C-11233)**

**Vs**

**Jason Agius**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-Talba permezz ta' liema s-socjetà attrici titlob li l-konvenut jigi ikkundannat ihallasha s-somma ta' mija sitta u sittin Euro u disgha u disghin centezmu (€166.99) rapprezentanti ammont dovut ghal xoghol fuq *air conditioning unit* esegwit minnha fuq inkarigu tal-konvenut, u dana kif jidher minn *invoice* annessa ma' l-Avviz tat-Talba bhala Dok. "A".

Ra r-Risposta tal-konvenut permezz ta' liema laqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjoni li din ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra l-istess socjetà attrici, stante li hija infondata fil-fatt u fid-dritt billi x-xoghol imwettaq minn

impjegati tas-socjetà attrici kellu jsir sabiex jigi riparat *air-conditioning unit* illi effettivaent ma ssewwiex. Ghalhekk il-konvenut jikkontendi li l-ammont pretiz mis-socjetà attrici ma huwiex dovut.

Ra x-xhieda li taw Reuben Pirotta[1], *technician* mas-socjetà attrici, il-konvenut[2], Steve Gilson[3], *self-employed air-conditioner technician*, u Diego Attard[4], *Debt Collector* mas-socjetà attrici.

Ra l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti mill-partijiet kontendenti fosthom Dok. “A” anness ma’ l-Avviz tat-Talba li huwa l-*invoice* ghall-valur pretiz mis-socjetà attrici, Dok. “DM1” a fol. 12 tal-process li huwa *job sheet* datata 20 ta’ Frar 2006 u Dok. “JA1” a fol. 29 tal-process li huwa l-*invoice* relattiva ghall-akkwist da parte tal-konvenut ta’ l-*air-conditioning unit* meritu tal-kontestazzjoni.

Ra n-Noti ta’ Sottomissjonijiet tal-partijiet kontendenti u ra li fis-seduta ta’ l-4 ta’ Mejju 2009 il-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Fatti:**

Fl-2002 il-konvenut kien akkwista *air-conditioning unit* minghand is-socjetà attrici[5] u fis-sajf meta gie installat kien haddmu u kien jahdem sew. Tul is-snin il-haddiema tas-socjetà attrici kienu marru tlett darbiet ghand il-konvenut biex jindirizzaw xi ilmenti li kellu dwar dan il-*unit*.

L-ewwel darba li kienu marru kien madwar sena wara li inxtara l-*unit* u biddlu l-pipe tar-ramm ta’ barra billi l-lastiku li bih ikun imdawwar dan il-pipe kien tqaxxar kollu.

It-tieni darba li kienu marru ghand il-konvenut kien fis-sajf ta’ l-2005 meta huwa ilmenta li l-*air-conditioning unit* ma kienx qed ikessah. F’dik l-okkazzjoni kienu sabu li kien

[1] Seduta tat-28 ta’ Mejju 2008 fol. 7 sa’ 10 tal-process.
[2] Seduta tas-16 ta’ Ottubru 2008 fol. 16 sa’ 18 tal-process u seduta tas-17 ta’ Frar 2009 fol. 33 u 34 tal-process.
[3] Seduta tal-11 ta’ Novembru 2008 fol. 20 sa’ 23 tal-process.
[4] Seduta tas-17 ta’ Frar 2009 fol. 29 sa’ 32 tal-process.
[5] Vide fattura esebita bhala Dok. “JA1” a fol. 27 tal-process.

hemm *gas leak*, jigifieri kien naqaslu r-refrigerant, u biex ma jhallux lill-konvenut bla *unit* tul is-sajf kienu ghamlu tiswija temporaneja bi ftehim mieghu li jergghu jmorru iktar ‘l quddiem halli issir it-tiswija necessarja.

It-tielet darba li marru ghand il-konvenut kien appuntu biex issir it-tiswija relatata mal-*gas leak* li kienet giet ravvizata fis-sajf ta’ qabel.

Fl-ahhar zewg okkazzjonijiet kienu marru ghand il-konvenut Reuben Pirotta u kollega tieghu. Dwar ix-xoghol illi sar fi Frar 2006, Reuben Pirotta xehed illi kienu ghamlu *pressure test fis-sens li naghtu pressure lill-apparat iktar milli l-appart ikollu meta jkun qed jahdem imbaghad naghmlu vacuum test, inhalluh kwarta jew ghoxrin minuta u niccekkjaw il-gauge u hemm inkunu nafu jekk huwa ittestjat sew. Ahna l-ewwel niccekkjaw il-pressure test u b’hekk inkunu nafu jekk hemmx leakage tar-refrigerant u imbaghad wara nhaddmuh u minn hemm inkunu nafu hux qed ikessah jew le … L-aircondition huwa maqsum f’erba’ bicciet u ccekkjajna l-erbgha bicciet bil-pressure test u meta dawn l-erbgha pajpijiet ma jindikawlekx leak allura l-konkluzzjoni tkun illi tkun minn skorfina, jigifieri mill-pipe meta dan jehel mal-unit. Imbaghad ahna allura ergajna qbadna kollox, ghamilna l-vacuum u ttestjanih. L-iskorfina ssikkajniha ghaliex l-iskorfina kienet daqxejn mahlula. Hemm erbgha skorfini b’kollox, hemm tnejn barra u tnejn gewwa. L-iskorfini ta’ barra huma accessibbli imma l-iskorfini ta’ gewwa huma accessibbli biss jekk l-apparat jinfetah*[6]*.*

L-istess Reuben Pirotta qal li wara li ghamlu dan ix-xoghol fuq l-*air-conditioning unit* l-istess *unit* kien qed jahdem tajjeb. Mandanakollu l-konvenut ma jaqbilx ma’ din l-affermazzjoni ghaliex skond hu l-*unit* ghadu sa’ illum ma jahdimx sew u kull sena jkollu bzonn jaghtih il-gass. Dana ghall-konvenut ifisser li hemm xi *leak* x’imkien li ma gietx imsewwija u huwa ghalhekk li ma jridx ihallas il-fattura tas-socjetà attrici ghax-xoghol illi kien sar fuq l-*air-conditioning unit* tieghu fl-20 ta’ Frar 2006.

---

[6] Fol. 8 u 9 tal-process.

Il-konvenut ipproduca bhala xhud lil Steve Gilson illi huwa *air-conditioner technician self-employed*. Dana Gilson kien mar ghand il-konvenut biex jara l-*air-conditioner unit* li skond l-istess konvenut ma kienx qed ikessah bizzejjed u xehed illi *jiena ivverifikajt il-pressures fil-unit u sibthom baxxi. L-ewwel darba li kont mort kien f'Awissu 2006 u dakinhar sibt il-pressures li kienu baxxi. Staqsejtu jekk riednix naghti l-gass lil unit u hu qalli u iva u jiena hekk ghamilt dakinhar stess. Jiena tajt il-gass lil unit u l-unit hadem tajjeb però jiena infurmajt lis-Sur Agius illi kien jidher li kien hemm xi leak u ghidtlu allura biex nippruvawh ftit u naraw kif immorru biex b'hekk inkun nara x'tip ta' leak hemm. Wara xaharejn is-Sur Agius rega' cempilli u lmenta li l-airconditioner ghadu bil-problemi. Jiena ergajt mort u ergajt ccekkjat il-pressures u sibt il-pressures baxxi u jien deherli li mhux suppost il-pressure naqas daqshekk f'xahrejn, tlett xhur. Suppost il-pressure ikun four bar u dan kien qed jimmarka taht il-one point five bar, allura b'dak il-pressure ma jkessahx. Allura fuq struzzjonijiet tieghu ergajt tajtu l-gass. Hu kien infurmani li kienu gew it-technicians ta' Pantalleresco u suppost kienu sewweh. Is-sena ta' wara rega' cempilli u anki din is-sena u kull darba mmur minhabba fl-istess problema. Jiena kull darba mmur u niccargjah hmistax-il lira plus VAT*[7].

Skond Steve Gilson il-problema tal-*leak* fl-*air-conditioning unit* tal-konvenut ghadha hemm u ma gietx rimedjata. Il-fatt li l-*unit* irid jigi ttoppjat daqshekk regolarment ma hijiex haga normali. Ghalih huwa normali li *air-conditioning unit* jigi ttopjat kull tlett snin u mhux bil-mod frekwenti li jrid jigi ttopjat l-*air-conditioning unit* tal-konvenut.

Is-socjetà attrici kienet giet infurmata bil-fatt li l-problema fl-*air-conditioning unit* tal-konvenut ippersistiet anke wara li l-impjegati taghha marru biex isewwuh. In effetti Diego Attard, Debt Collector mas-socjetà attrici, xehed illi *darba minnhom il-mara tal-konvenut, jigifieri Maria Agius kienet ilmentat mieghi illi l-ac unit ma kienx qed jahdem sew u jiena dan l-ilment taghha kont ressaqtu quddiem il-*

[7] Fol. 20 u 21 tal-process.

*Managers tal-Kumpanija. Qed nigi muri Dokument DM1 a fol.12 tal-process, li huwa job sheet datata 20 ta' Frar 2006 u jiena nghid illi s-sinjura Agius lili kienet kellmitni wara din id-data. It-Technicians taghna x'aktarx kienu marru fid-data indikata fil-job sheet, ghaliex probabilment ikun dahal ilment iehor dwar dan l-ac unit u allura huma jkunu marru biex jaraw kif dan l-ilment jista' jissolva. Jiena nerga' nghid illi meta Maria Agius kienet kellmitni dwar dan l-ac, hi kienet qaltli li dan ma huwiex qed jahdem tajjeb[8].*

Ghalkemm il-konvenut u martu ilmentaw dwar il-fatt li l-*air-conditioning unit* in kwistjoni ma kienx qed jahdem sew, is-socjetà attrici ma kenitx baghtet *technician* biex jara x'inhi l-problema. Kien mar *technician* biss f'Dicembru 2008 fuq suggeriment specifiku ta' dan it-Tribunal u mix-xhieda ta' Diego Attard irrizulta dan it-*technician*, wara li kien halla l-*air-conditioning unit under pressure* ghal zmien gimgha bejn l-11 ta' Dicembru 2008 u t-22 ta' Dicembru 2008, kien sab illi hemm *leak* mill-*internal ac unit*[9].

**<u>Konsiderazzjonijiet:</u>**

Mill-provi prodotti huwa ferm evidenti li l-konvenut qed jikkontesta t-talba tas-socjetà attrici ghall-hlas tas-somma ta' €166.99, li huwa l-import ta' fattura relattiva ghal xoghlijiet ta' tiswija li kienu saru fl-*air-conditioning unit* minn haddiema tas-socjetà attrici fi Frar 2006, mhux ghaliex ma kienx sar xoghol da parte ta' l-impjegati tas-socjetà attrici fuq l-*air-conditioning unit* tieghu izda, ghaliex skond hu l-*air-conditioning unit* fil-verità baqa' issewwiex u l-problema li kien hemm baqghet u ghadha tippersisti.

Is-socjetà attrici llum tirrikonoxxi l-fatt illi l-*air-conditioning unit* tal-konvenut ma huwiex qed jahdem tajjeb u ghal dan il-fatt tipprospetta zewg ipotesijiet: (a) jew li x-xoghol imwettaq mill-impjegati taghha ma sarx sew u ghalhekk l-*air-conditioning unit* rega' zviluppa l-hsara; (b) jew li x-xoghol ta' riparazzjoni li sar fi Frar 2006 sar sew izda l-*unit*

8 Fol. 29 u 30 tal-process.
9 Fol. 30 tal-process.

in kwistjoni zviluppa hsara ulterjuri ghal kollox distinta mill-hsara li giet riskontrata l-ewwel darba[10].

Il-konkluzzjoni tas-socjetà attrici hi li x-xoghol ta' riparazzjoni sar kif suppost u li l-*air-conditioning unit* tal-konvenut issa mhux qed jahdem sew minhabba hsara ulterjuri li zviluppat, haga skond hi mill-iktar possibbli billi l-*unit* in kwistjoni gie installat f'Lulju 2002. Ghalhekk tippretendi li l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallasha s-somma mitluba ta' €166.99.

Il-konvenut invece jikkontendi li l-*air-conditioning unit* mhux qed ikessah hux ghax zviluppat xi hsara ohra izda ghaliex il-problema tal-*gas leak* riskontrata fis-sajf ta' l-2005 ma gietx debitament imsewwija bix-xoghlijiet esegwiti fi Frar ta' l-2006.

Il-partijiet kontendenti ressqu zewg *technicians* quddiem dan it-Tribunal: Reuben Pirotta prodott mis-socjetà attrici li qal illi l-*air-conditioning unit* tal-konvenut ma kienx qed ikessah ghaliex kien hemm *gas leak* li kienet qed torigina minn skorfina mahlula, liema skorfina giet issikkata u skond hu l-*unit* beda jahdem sew, u Steve Gilson prodott mill-konvenut li qal li l-problema tal-*leak* ma kenitx giet solvuta izda kienet ghadha hemm. Ghalkemm ma investigax ezatt minn fejn kienet qed torigina din il-*leak* qal li setghet kienet *leak* interna.

Il-konkluzzjoni li tislet is-socjetà attrici mill-provi prodotti, in partikolari mix-xhieda ta' dawn iz-zewg *technicians*, hi li *huwa ghaldaqstant car illi ghalkemm effettivament jezisti leak, s-sur Gilson prodott mill-konvenut, ma identifkax minn fejn kien gej tal leak. Illi kkunsidrat dan huwa probabbli illi l-air conditioner unit de quo, illi wara kollox ilu nstallat sa' minn Lulju 2002, zviluppa leak ulterjuri u sussegwenti ghal dik riparata mis-socjetà attrici u invoiced lill-konvenut*[11].

It-Tribunal però ma jaqbilx ma' din il-konkluzzjoni tas-socjetà attrici.

---

[10] Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà attrici, fol. 38 tal-process.
[11] Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà attrici fol. 38 tal-process.

Ghalkemm l-*air-conditioning unit* in kwistjoni ilu installat minn Lulju 2002, il-*leak* regghet giet riskontrata minn Steve Gilson f'Awissu 2006 u cioè biss hames xhur wara li suppost l-*leak* riskontrata fis-sajf ta' l-2005 giet rimedjata mit-*technicians* tas-socjetà attrici fi Frar 2006, u fil-fehma tat-Tribunal huwa ghal kwantu inverosimili fi zmien hekk qasir il-*unit* zviluppa hsara ulterjuri distinta minn dik li dwarha già kien ilmenta l-konvenut.

Gie in oltre stabbilit u determinat waqt l-ispezzjoni li saret mit-*technician* tas-socjetà attrici f'Dicembru 2008 li l-problema dejjem kienet u baqghet wahda ta' *gas leak*. Ir-rizultat ta' l-ispezzjonijiet li saru f'Dicembru 2008 kien illi kien hemm *internal leak* fl-*air-conditioning unit* in kwistjoni.

Fil-fehma tat-Tribunal ghalhekk, il-fatt li l-problema dejjem kienet u baqghet l-istess tip ta' problema, ossia problema ta' *gas leak*, iwassal ghall-konkluzzjoni li meta t-*technicians* tas-socjetà attrici marru d-dar tal-konvenut fi Frar 2006 biex isewwu l-*air-conditioning unit* huma ma wettqux ix-xoghol ta' riparazzjoni kif suppost bil-konsegwenza li l-problema baqghet tippersisti u l-*air-conditioning unit* tal-konvenut baqa' ma jahdimx tajjeb.

Minn dan kollu johrog car li l-affermazzjoni tas-socjetà attrici li l-konvenut a irnexxilux jipprova b'mod sodisfacenti li x-xoghol ta' riparazzjoni esegwit mit-*technicians* taghha fi Frar 2006 ma giex esegwit sew, ma hijiex affattu korretta.

Kontra dak pretiz mis-socjetà attrici u kif già inghad iktar 'l fuq, mill-provi johrog b'mod sodisfacenti li x-xoghol ta' riparazzjoni esegwit fi Frar 2006 mit-*technicians* ta' l-istess socjetà ma giex esegwit bil-mod opportun bil-konsegwenza li s-socjetà attrici naqset milli ssewwi l-*air-conditioning unit* tal-konvenut.

A tenur ta' l-**Artikolu 1146** tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta *hlas ifisser l-esekuzzjoni ta' l-obbligazzjoni sew jekk l-oggett ta' l-obbligazzjoni jkun li tinghata xi haga sew jekk ikun li tigi maghmula xi haga*.

Minn dan il-provvediment tal-ligi johrog car li l-hlas huwa dovut biss f’kaz li l-obbligazzjoni assunta minn min ikun qed jitlob il-hlas tigi imwettqa u naturalment fil-kaz kuntrarju l-hlas ma jkunx dovut.

Ladarba fil-kaz in ezami bix-xoghlijiet esegwiti fi Frar 2006, li taghhom qed jintalab il-hlas mis-socjetà attrici, l-istess socjetà ma sewwietx l-*air-conditioning unit* tal-konvenut ghaliex il-*gas leak* baqghet timmanifesta ruhha, necessarjament jirrizulta li l-istess socjetà attrici ma ghandhiex jedd titlob minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta’ €166.99 minnha pretiza.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut jichad t-talba tas-socjetà attrici. L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu tas-socjetà attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------